MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Numru 1355/2007

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

John Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 499568m, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta' Settembru 2007 f'San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn is-6.00 ta' filghodu u l-4.00 ta' wara nofs in-nhar:

1. ikkommetta serq ta' aktar minn Lm100 ghad-dannu ta' terzi persuni liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur;

2. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hassar jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal anqas minn Lm100.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

F'dan il-kaz kien impellenti ghall-prosekuzzjoni li tipprova univokament li kien l-imputat il-persuna li serqet u ghamlet il-hsara kif ipottizzat fl-imputazzjoni. Si tratta ta' serqa f'gurnata specifika koncernanti CCTV li kien tad-derubat u imwahla fil-komun tal-appartamenti fejn allura kien jirrisjedi f'San Pawl il-Bahar. Dak li seta' issucieda barra t-termini tal-akkuza jekk insterqitx xi haga ohra appartenenti lid-derubat jew ukoll jekk sofriex xi hsara li ma tidholx fl-ambitu ta' din l-akkuza, assolutament ma jikkoncernax din il-kawza. Fir-rigward taghha d-derubat stqarr li wasal mix-xoghol ghal habta tal-5.00pm u kien f'dan il-waqt li nduna li s-CCTV kien nieqes. Stqarr li tela fuq, fl-appartament tieghu, u ivverifika l-filmat li kien allura irregistrat mis-CCTV. Stqarr li mill-filmat stabilixxa li l-halliel kien l-imputat. Gew esebiti kemm l-filmat u xi fotogrammi mehudin minnu. Issa, din tal-filmat hi fil-fatt l-unika prova jekk l-imputat kienx il-halliel jew le. Mir-rapport tal-espert nominat minnha sabiex jara u jirrelata dwar dan il-filmat li jirrisulta hu li l-prova ta' dak asserit mid-derubat mhiex univoka.

Ghaldaqstant u billi l-akkuzi ma gewx ppruvati ghas-sodisfazjon tal-Qorti, tillibera.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------